# Kampjonat 1953-54

# Sliema W. Champions



*Sliema Wanderers Champions*

## It-Tlettax-il Ġurnata

**24-04-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Chief Mech. Alex Rich (RN).**
**Skurjaw: S. Schembri (S) 12' u T. Nicholl (S) 41'.**

*Sliema Wdrs. FC:* Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Maurice Walsh, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Floriana FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Charles 'In-Nossa' Brincat, Tony Dalli, Tony Vella, Stanley Williams, Ġużi Bennetti, Tony 'Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Folla ta' 14,000 spettatur kienet preżenti għall-konfront bejn Sliema Wanderers u Floriana li kellu jiddeċiedi l-Kampjonat. Qabel din il-partita il-Wanderers kienu jinsabu punt wieħed fuq il-Furjaniżi biex b'din ir-rebħa kienu huma li saru ċ-champions il-ġodda tal-football Malti meta fetħu vantaġġ ta' tliet punti b'partita għat-tmiem. L-aħħar kampjonat mirbuħ mill-Wanderers kien fl-1948-49.

2. Tony Dalli ta' Floriana FC tkeċċa għaxar minuti mit-tmiem minħabba logħob goff. Huwa kien ġie sospiż għal żewġ partiti u mmultat ħames xelini.

3. Fl-okkażjoni tal-ewwel goal skorjat minn Salvinu Schembri, id-difensur Furjaniż Lolly Debattsta kien irnexxielu jtajjar il-ballun bir-ras iżda r-referee ġġudika li l-ballun kien diġà daħal. Huwa kkonsulta mal-linesman wara protesti ħorox tal-plejers Furjaniżi u kkonferma d-deċiżjoni tiegħu.

**25-04-1954:**
**Ħamrun Sp. FC – Valletta FC 2-2**
**H.T 2-2**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi.**
**Skurjaw: G. Psaila (Ħ) 18', R. Psaila (Ħ) 40', L. Pace (V) 41' u J. Piccinino (V) 43'.**

*Ħamrun Sp. FC:* Joe La Rosa, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Loretu Scicluna, Carmelo 'Nene' Grech, Romeo Formosa, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*Valletta FC:* Mike 'Moro' Cutajar, Falzon, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charles Zerafa, Albert Lewis, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Silvio Rapinett, John Piccinino, Freddie Farrugia, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Leli 'Il-Pesa' Pace.

1. Il-ġurnal *The Times of Malta* rraporta l-goal tad-draw ta' Valletta bħala goal ta' Piccinino filwaqt li l-gazzeta *Il-Berqa* rraportat il-goal bħala *autogoal* tas-centre half Loretu Scicluna minkejja li fir-rapport qalu li anke li kieku l-ballun ma ħabatx ma' ras Scicluna l-goal kien jidħol xorta waħda.

2. Minbarra li kienu qed jilagħbu mingħajr is-sospiż Ċensu Muscat li weħel partita wara li kien involut f'inċident fil-logħba kontra Sliema Wanderers, Valletta tilfu wkoll lid-difensur Ken Everest minħabba li l-Armata rtiratlu l-permess biex jilgħab fil-kampjonat Malti għall-perjodu ta' sena. Minflok Everest lagħab Falzon.

**01-05-1954:**
**Rabat FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Ref: BSM Joseph Galea (R.M.A)**
**Skurjaw: L. Sammut (R) 12' u C. Theuma (R) pen. 35'.**

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Alfie Pearson, Joe Cilia, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Donald MacDonald, Leli Sammut, Lewis Vigar, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*Birkirkara FC:* William Templeman, Lewis Caruana, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Emanuel Xuereb, Fredu Preca, Leli 'Il-Likku' Saliba, Victor Farrugia, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Tarċisju Cuschieri, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Id-debuttant Leli Xuereb ta' Birkirkara kien ġie akkwistat mingħand Żejtun fit-trasferimenti tas-sajf.

**02-05-1954:**
**Melita FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Flt Sgt. James Tuckett (RAF).**
**Skurjaw: C. Tellus (M) 5', C. Spiteri (H) 47' u G. Bencini (M) 75'.**

*Melita FC:* Edwin Zammit, Patrick Feekry, Albert Grech, Ġiusi Borg, Henry Hayston, George Bencini, Charles Tellus, Frankie Zammit, George Sclivagnotis, Rene Formosa, Lino Maistre.

*Hibernians FC:* Johnnie 'Skipper'

Formosa, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Haymer, Farrugia, Lewis 'Lulu' Camilleri, Anthony 'Skitu' Spiteri, C. Spiteri, Leli Spiteri, Jean Claude Coulon, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. 'Lulu' Camilleri kien sieħeb lil Hibernians mingħand it-team tat-Tieni Diviżjoni Gżira United fit-trasferimenti tas-sajf.

2. George Sclivagnotis ta' Melita aktar tard kien għamel isem fl-isport tal-Lawn Tennis meta kien sar il-kowċ nazzjonali fejn taħt il-gwida tiegħu intrebħu diversi midalji fil-Logħob tal-Pajjiżi iż-Żgħar.

3. Birkirkara pprotestaw mal-MFA minħabba li sostnew li Hibernians ma niżlux bl-aqwa formazzjoni tagħhom.

4. Make Melita niżlu b'team mibdul fejn kellhom sitt plejers mill-Minors fosthom il-ħames plejers ta' quddiem – Tellus, Zammit, Sclivagnotis, Formosa u Maistre.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 20 pt.; Floriana FC 17-il pt.; Rabat FC 16-il pt.; Ħamrun Sp. FC 14-il pt.; Valletta FC 13-il pt.; Hibernians FC 10 pti.; Birkirkara FC 8 pti. u Melita FC 6 pti.

**Skurjaw:** T.Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 12-il goal; R. Psaila (Ħamrun Sp. FC), C. Theuma (Rabat FC) u L. Pace (Valletta FC) 8 goals; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) u S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals.

## L-Erbatax-il Ġurnata

**08-05-1954:**
**Floriana FC – Rabat FC 3-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi.**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 30', Ċ. Xuereb (F) 60' u 74' u C. Azzopardi (R) 85'**

*Floriana FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Carm Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Dr. Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Ċikku 'In-Nagħga' Xuereb, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Alfie Pearson, Joe Cilia, Anthony Mousu', Joe 'Il-Wirxu' Aquilina Donald MacDonald, Leli Sammut, Lewis Vigar, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Minbarra li kienu mingħajr Tony Dalli wara li kien ġie sospiż għal żewġ partiti, Florana tilfu wkoll is-servizzi ta' Stanley Williams minħabba li dan ħalla Malta jumejn qabel il-partita hekk kif skadielu l-kuntratt li kellu ma' Floriana.

2. Din kienet l-aħħar partita fil-kampjonat Malti għal Donald MacDonald, il-plejer-coach ta' Rabat FC. Huwa però kompla jilgħab mal-Magpies fit-Trophy bir-Rabtin jibqgħu telgħin sal-final fejn fil-21 ta' Ġunju 1954 kienu tilfu 5-1 kontra Floriana FC.

3. Dr. Benny Camilleri rritorna fit-team ta' Floriana wara assenza ta' bosta ġimgħat. Huwa kien diġà lagħab fi friendly fil-5 ta' Mejju 1954 kontra Malta Sports Association XI (3-3).

**09-05-1954:**
**Hibernians FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Walter (Watty) A. Gatt.**
**Skorja: F. Church (H) 82'.**

*Hibernians FC:* Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, John Gatt, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Fredu Church, Jean Claude Coulon, J. Spiteri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-GeGiĠa' Cassar.

*Valletta FC:* Mike 'Moro' Cutajar, Albert Lewis, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charles Zerafa, Ċensu Muscat, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Silvio Rapinett, John Piccinino, Freddie Farrugia, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Leli 'Il-Pesa' Pace.

1. Din kienet l-aħħar partita f'Malta għal Jean Claude Coulon meta mill-istaġun sussegwenti kellu jissieħeb mal-club tat-Tieni Diviżjoni fi Franza, Besancon. Coulon kien ġie Malta flimkien mal-familja mill-Marokk fl-1947 u kien irreġistra mal-club Pawlista fl-1949 meta kellu 13-il sena. F'dak iż-żmien hu kien għadu student fil-kulleġġ De La Salle. Huwa kien iddebutta fl-Ewwel Diviżjoni sentejn wara ma' Hibernians meta kellu 15-il sena.

2. B'din it-telfa Valletta tilfu kull tama li jispiċċaw fl-ewwel erba' postijiet tal-klassifika u minħabba f'hekk ma jistgħux jieħdu sehem fil-kompetizzjoni tal-Cassar Cup.

3. Il-coach Belti Harry Tedder kien ħalla Malta ġimgħa qabel din l-aħħar partita. Valletta FC kienu għamlu festin għall-okkażjoni li għalih kienu attendew il-plejers kollha u t-trainer Mr. Reynolds. Il-President tal-club, Robert Borg Olivier, kien ippreżentalu rigal ta' tifkira.

**15-05-1954:**
**Ħamrun Sp. FC – Melita FC 4-0**
**H.T 4-0**
**Ref: BSM Joseph Galea (RMA).**
**Skurjaw: R. Psaila (Ħ) 3', 12' u 18' u C. Patterson (Ħ) 32'.**

*Ħamrun Sp. FC:* Joe La Rosa, Salvu Azzopardi, Johnnie Alamango, George Jones, Loretu Scicluna, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Romeo Formosa, Charles Patterson, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*Melita FC:* Edwin Zammit, William (Bill) MacDonald, Albert Grech, Ġiusi Borg, Henry Hayston, George Bencini, Peter Cornish, Patrick Feekry, Rene Formosa, Frankie Zammit, Lino Maistre.

1. B'din it-telfa Melita FC ġew relegati għat-Tieni Diviżjoni wara staġun wieħed mal-kbar. Huma kellhom bżonn rebħa biex jibqgħu jittamaw f'decider kontra Birkirkara.

**16-05-1954:**
**Birkirkara FC – Sliema Wdrs. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Flt. Sgt. James Tuckett (RAF)**
**Skurjaw: R. Edwards (S) pen. 20', S. Samut Tagliaferro (S) 42' u V. Farrugia (B) 60'.**

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Emanuel Xuereb, Fredu Preca, Bob Bonavia, Victor Farrugia, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Leli 'Il-Likku' Saliba, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Sliema Wdrs. FC:* Ray Cosby, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Charles Triganza, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Maurice Walsh, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

1. Din kienet l-aħħar partita ta' Ray Edwards f'Malta. Wara huwa emigra lejn il-Kanada fejn beda jilgħab ma' Malta United FC ta' Toronto, għalkemm ftit wara kien ingħaqad mat-team Pollakk ta' White Eagles ta' Toronto wkoll.

2. Iż-żewġ timijiet tilfu plejer kull wieħed kmieni fil-partita meta wara erba' minuti Fredu Preca u Charlie Mattocks ħabtu ras ma' ras meta għolew għall-ballun. Iż-żewġ plejers sarulhom tliet punti fuq għajnejhom bi Fredu Preca jirritorna u jilgħab l-aħħar nofs siegħa tal-partita. Charlie Mattocks inżamm l-isptar.

3. Minkejja t-talba ta' Sliema Wanderers lill-MFA sabiex jiġu ppreżentati bit-Tazza ta' Champions tal-kampjonat eżatt wara din il-partita, l-MFA ma setgħetx tilqa' t-talba tagħhom minħabba li Floriana rrifjutaw li jagħtu t-Tazza lura minħabba li ma kinitx ilha għandhom 12-il xahar mid-data li ġiet ippreżentata lilhom. Minflok Sliema Wanderers ingħataw il-Miniature Cup.

### KLASSIFIKA FINALI

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SLIEMA W. FC. | 14 | 9 | 2 | 3 | 31 | 16 | 20 |
| Floriana FC | 14 | 8 | 3 | 3 | 26 | 17 | 19 |
| Hamrun Spartans FC | 14 | 6 | 4 | 4 | 25 | 17 | 16 |
| Rabat FC | 14 | 6 | 4 | 4 | 25 | 18 | 16 |
| Valletta FC | 14 | 5 | 3 | 6 | 17 | 20 | 13 |
| Hibernians FC | 14 | 5 | 2 | 7 | 16 | 23 | 12 |
| Birkirkara FC | 14 | 3 | 4 | 7 | 11 | 16 | 10 |
| Melita FC | 14 | 3 | 0 | 11 | 9 | 33 | 6 |

1. Sliema Wanderers FC Champions tal-Kampjonat Malti 1953-54
2. Melita FC sfaw relegati għat-Tieni Diviżjoni